# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Guramentat Numru : 462/2018/LSO**

**Armanus Gergis (K.I. 145099M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Armanus Gergis (KI 145099M) datat 14 ta' Mejju 2018 fejn ikkonferma :-

Illi fic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok A, ir-rikorrent huwa registrat bl-isem ta' Armanus Gergis.

Illi pero' r-rikorrent huwa maghruf bhala Shaun u dan *stante* illi ghal zmien twil huwa uza dan l-isem u kemm shabu u l-familja tieghu uzaw dan l-isem ghalih tant illi llum huwa maghruf u msejjah bl-isem Shaun. Illi ghal dan il-ghan qed jigu pprezentati numru ta' dokumenti ossia affidavits annessi u mmarkati bhala Dok B, Dok C, Dok D, Dok E u Dok F rispettivament.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti jixtieq jiprevalixxi ruhu mid-dritt li taghti l-ligi taht l-artikolu 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta illi jigi registrat fl-att tat-twelid u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti bl-isem ta' Shaun minflok Armanus.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra fl-att ta' twelied tar-rikorrenti l-isem Shaun minflok l-isem Armanus u tordna illi l-istess isem Armanus jigi mhassar mill-att tat-twelid tar-rikorrenti u sabiex il-bdil jigi rifless f’ kull att tal-istat civili.

Bl-ingunzjoni tad-Direttur intimat ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta’ Gunju 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta’ Gunju 2018 (fol 16) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

2. Illi *a tenur* tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrent fl-Att tat-twelid tieghu jinbidel minn *'Armanus'* ghal ‘*Shaun’.* Sabiex jissostanzja t-talba tieghu, ir-rikorrent qieghed jannetti mar-rikors guramentat, numru ta' affidavits.

3. Illi l-esponenti tirrileva illi l-isem *'Shaun'* huwa totalment differenti minn *'Armanus'* u li bejn iz-zewg ismijiet ma hemm l-ebda assoccjazzjoni. Isegwi ghalhekk illi jkun fl-interess tar-rikorrent illi jipprezenta dawk il-provi ulterjuri, b'mod partikolari dawk dokumentarji sabiex isahhah it-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent stess, ossia li tul hajtu huwa kien konsistentament msejjah u maghruf bhala *'Shaun'* u mhux *'Armanus'';*

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrent *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni,

kienet proprju omm ir-rikorrent u cioe' Dorianne Zammit li ddikjarat l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, inkluz l-isem tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini hija stess kien iffirmat l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba s-Sinjura Dorianne Zammit, id-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid, accettat l-informazzjoni inserita minnha fl-Att u kkonfermat illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma taghha, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku. *Stante* dan, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrent qed jitlob ukoll *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili illi ghandha ssir tali korrezzjoni f' dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha. Illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv.

6. Illi ghaldastant, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, f' dan l-istadju l-esponenti hija tal-umli fehma illi t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jigu milqugha, salv illi f' kaz li jigu prodotti dokumenti ufficjali li jikkorraboraw li l-attur huwa verament maghruf bhala Shaun, l-esponenti tkun f'pozizzjoni li tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Maghdud ma' dan, l-esponenti hija wkoll tal-umli fehma illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponenti u kwindi d-Direttur ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

B l-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma, inkluz dak tal-Hamis 11 ta' Ottubru 2018, fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Deher l-attur. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2018 fid-9:30am. Aktar tard dehret Dr Martha Mifsud li hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-18 ta' Mejju 2018.

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu kif registrat fl-att tat-twelid jigi korrett billi l-isem "Armanus" jigi sostitwit bl-isem "Shaun", dan peress li hu kien konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem "Shaun".

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza, kemm-il darba jigu prodotti dokumenti li juru u jikkoroboraw li r-rikorrent huwa verament maghruf bhala "Shaun".

Illi fil-mertu r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u huwa maghruf konsistentement bl-isem "Shaun". Ir-rikorrent xehed permezz ta' affidavit u semma li meta kellu hdax-il sena mar ighix ma' ommu l-Belgju u sussegwentement meta gie lura Malta wara sentejn u beda jilghab il-futboll, shabu bdew isejhulu "Shaun", u n-nies tal-affari taghhom li jiltaqa' maghhom kollha jsejhulu "Shaun."Dan gie ikkoroborat fl-affidavit ta' **Dorianne Zammit**, omm ir-rikorrent u mix-xhiedha l-ohra prodotti .

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielu jipprova li huwa konsistentement kien maghruf u msejjah bl-isem "Shaun" u t-talba tieghu hi ghalhekk gustifikata skont il-Ligi.

Izda taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, li kif eccepit mid-Direttur intimat, kien iffirmat mid-dikjaranta omm ir-rikorrenti, u cioe` Dorianne Zammit. Ghalhekk taqbel mal-intimat, li m'ghandux jigi addebitat l-ispejjez ta' dan il-kaz.

Rigward dak mitlub mir-rikorrent, sabiex il-bdil ta' isem ir-rikorrent jigi rifless f'kull att tal-istat civili, din it-talba ma saritx fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, *stante* li l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Ghalhekk

tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha sabiex jigi riservat ghar-rikorrenti l-possibbilta li jiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghall-att tat-twelid tieghu numru 1450 tas-sena 1999, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar l-isem "Armanus" u minflok dan jigi sostitwit bl-isem "Shaun".

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2018**